



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.12.2011
SEG(2011) 1630 finali

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

{KUMM(2011) 934 finali}

{SEG(2011) 1632 finali}

Rinunzja: Dan ir-rapport jimpenja biss lis-servizzi tal-Kummissjoni involuti fit-tħejjija tiegħu u ma jippreġudikax il-forma finali ta' kwalunkwe deċizzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni.

1. DAĦLA

Il-leġislazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili (CP) tal-UE tikkonsisti f'żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu Mekkaniżmu Komunitarju¹ u Strument Finanzjarju (CPFI), rispettivament². Il-Mekkaniżmu jappoġġja u jikkoordina t-tnejn u l-iskjerament ta' għajnuna in natura tal-Istati Membri (timijiet, esperti u tagħmir) lill-pajjiżi li jitolbu assistenza internazzjonali f'emerġenzi kbar ta' kull tip, naturali jew ikkawżati mill-bniedem, fi ħdan u barra mill-UE.

Id-diżastri qed isiru dejjem aktar frekwenti, intensi u kumplessi. Is-sistemi attwali għall-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra d-diżastri u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE jeħtieġu li jiġu adattati biex jitrattaw dawn l-isfidi b'mod effettiv u effiċjenti.

Din il-valutazzjoni tal-impatt (IA) ġiet imwettqa mill-Kummissjoni biex tingħata għajnuna ta' gwida f'dak il-proċess. Din teżamina l-għażliet tal-politika ta' kooperazzjoni tas-CP UE, inkluż l-aspetti kollha ta' evalwazzjoni ex-ante għall-forma futura tas-CPFI.

2. KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI

Il-proċess tal-IA inkluda Grupp ta' Tmexxija IA ta' 21 servizz rilevanti³ u studju estern estensiv⁴.

Il-partijiet interessati ewlenin huma l-awtoritajiet nazzjonali tas-CP, organizzazzjonijiet internazzjonali, aġenziji tan-NU, organizzazzjonijiet tal-ġestjoni ta' emerġenza, u l-komunità umanitarja. Saru tliet konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet interessati⁵ u sensiela ta' avvenimenti tal-partijiet interessati⁶. Fuq opinjoni tal-Bord tal-IA, ir-rapport dwar l-IA ġie rivedut biex jirrifletti l-kummenti kollha.

3. PROBLEMI LI GĦANDHOM JIĠU INDIRIZZATI

Dan is-CPFI attwali se jiskadi fl-aħħar tal-2013. Id-Deċiżjoni tal-Mekkaniżmu hija marbuta mill-qrib mas-CPFI iżda m'għandha l-ebda data ta' skadenza. L-azzjonijiet tal-UE CP taħt il-Mekkaniżmu u s-CPFI jiffaċċjaw tliet sfidi kbar: 1) iż-żieda kontinwa fin-numri, l-intensità, u l-kumplessità ta' diżastri; 2) il-limitazzjonijiet baġitarji minħabba s-sitwazzjoni ekonomika attwali; u 3) il-limitazzjonijiet sistematiċi inerenti mal-mandat attwali tal-Mekkaniżmu, li jillimita l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza ta' reazzjoni għad-diżastri fl-UE.

Il-Mekkaniżmu attwalment għandu għadd ta' nuqqasijiet relatati mar-reazzjoni, it-tnejn u l-prevenzjoni tad-diżastri:

- (1) Mekkanika reattiva u ad hoc tillimita l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza ta' reazzjoni Ewropea għad-diżastri. Bħalissa l-Mekkaniżmu mhuwiex f'pożizzjoni li

¹ ĠU L 314, 2007, p. 9.

² ĠU L 71, 2007, p. 9. .

³ SG, SJ, BUDG, HOME, ENV, JUST, CLIM, RTD, JRC, MOVE, ENER, REGIO, SANCO, AGRI, ENTR, INFSO, ELARG, DEVCO, FPIS, EEAS.

⁴ Anness C

⁵ Laqgħat tal-partijiet interessati mis-6 ta' April u s-17 ta' Ġunju 2011 bi 120 parteċipant kull wiehied.

⁶ Laqgħa tad-Diretturi Ġenerali tas-CP f'Budapest mit-23 sal-25 ta' Mejju 2011.

jiggarantixxi d-disponibbiltà tal-għajnuna meta meħtieġa u ma tippermettix l-ippjanar ta' kontinġenza sinifikanti.

- (2) Hemm nuqqasijiet kritiċi fl-assi ta' reazzjoni minħabba kwantitajiet insuffiċjenti, problemi ta' tempestività jew tqassim. Hemm lakuni fir-rigward ta' assi biex jindirizzaw riskji ta' probabbiltà baxxa/effetti għolja, assi speċjalizzati ta' prezz għoli u assi 'orizzontali'.
- (3) Soluzzjonijiet limitati ta' trasport u proċeduri tqal ifixxlu l-aħjar reazzjoni: Nuqqas ta' aċċess tajjeb għat-trasport jista' jipprevjeni l-assistenza pprovduta; proċeduri biex jintalab appoġġ finanzjarju mill-UE għal trasport huma meqjusa ta' piż amministrattiv f'azzjonijiet ta' reazzjoni mgħaġġla.
- (4) Tħejjija limitata f'taħriġ u eżerċizzji: Inqal għu problemi ta' inkompatibbiltà fit-tagħmir, fi proċeduri ta' kooperazzjoni, fit-tħejjija individwali u fil-fiduċja fil-kapaċitajiet tal-imsieħba Mingħajr l-għajnuna tal-UE, l-Istati Parteċipanti (PS) mhux se jkunu kapaċi jgħollu l-livelli ta' tħejjija tagħhom biex jagħtu reazzjoni f'avvenimenti transkonfinali kbar.
- (5) Nuqqas ta' integrazzjoni ta' prevenzjoni: Politiki ta' prevenzjoni bbażati fuq is-setturi huma neqsin minn qafas għall-ġestjoni tar-riskju tal-UE fejn l-elementi differenti jistgħu jinġiebu flimkien biex il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni jkunu konnessi b'mod aktar effettiv.

3.1. Il-Linja bażi

Fix-xenarju tal-linja bażi, ma jsiru l-ebda bidliet fid-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu u s-CPFI jiġġedded fil-forma attwali tiegħu. Dan jirriżulta f'sistema ta' reazzjoni li mhijiex effettiva biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet, tittelf l-oportunità li taħsad benefiċċji ekonomiċi permezz ta' pooling aħjar, u ma tisfruttax il-potenzjal tal-kooperazzjoni sabiex issaħħaħ il-prevenzjoni u t-tħejjija.

Il-Kummissjoni tqis li mingħajr azzjoni ulterjuri:

- (1) inqas assi jkunu disponibbli għall-kooperazzjoni tal-UE;
- (2) problemi u dewmien relatati mat-trasport jiżdiedu;
- (3) l-Istati Membri individwali ma jiksbox biżżejjed tħejjija;
- (4) il-benefiċċji tal-kooperazzjoni fil-prevenzjoni jkunu ta' kwalità inferjuri.

3.2. Ġustifikazzjoni għal azzjoni tal-UE u sussidjarjetà

L-Artikolu 196 TFUE jipprovdi l-bażi legali speċifika għall-azzjonijiet tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni biex tappoġġa u tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali fil-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem u li tippromwovi l-koerenza fil-ħidma internazzjonali tal-protezzjoni ċivili.

Azzjoni tal-UE f'dan il-qasam tinvolvi ġestjoni ta' sitwazzjonijiet b'komponent multinazzjonali qawwi, li teħtieġ il-koordinazzjoni ġenerali u azzjoni miftiehma lil hinn mill-livell nazzjonali. Valur miżjud tal-UE jirriżulta minn ekonomiji ta' skala, bħal-loġistika, it-

trasport, pool volontarju tal-assi, użu aħjar ta' riżorsi skarsi u ekonomiji ta' azzjoni preventiva minflok reazzjoni post factum għal diżastri.

4. L-GĦANIJIET TAR-REVIŻJONI

Għanijiet ġenerali	Għanijiet speċifiċi
Reazzjoni (1) Reazzjoni aktar effettiva u effiċjenti permezz tal-ippjanar u disponibbiltà msaħħa tal-għajnuna	Bidla minn koordinazzjoni reattiva u <i>ad hoc</i> għal sistema ppjanata, miftiehma minn qabel, u prevedibbli
(2) Jiġu indirizzati nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità ta' reazzjoni	L-identifikazzjoni u l-mili tal-lakuni kritiċi fil-kapaċità ta' reazzjoni għad-diżastri b'mod kost-effettiv
It-trasport (3) It-titjib tar-reazzjoni għal emerġenzi magħguri permezz ta' soluzzjonijiet aħjar ta' trasport	(A) Jitnaqqsu l-ostakoli maħluqa minn riżorsi limitati ta' loġistika u finanzi fit-trasport. (B) Jiġu ssimplifikati d-disposizzjonijiet tat-trasport u jsiru iktar effiċjenti l-proċeduri amministrattivi
It-tnejn (4) L-azzjonijiet ta' tnejn tal-PS jiġu appoġġjati u kkumplimentati b'qafas ta' politika ta' tnejn koerenti tal-UE	(1) Rabta aħjar fis-sistemi ta' tnejn nazzjonali billi tinħoloq aktar konsistenza. (2) Jitkabbar l-ambitu attwali tal-azzjonijiet ta' tnejn tal-UE biex ikunu marbuta aħjar mal-programmi nazzjonali. (3) Definizzjoni tat-tnejn espliċitament bħala għan wieħed tal-kooperazzjoni tas-CP tal-UE u l-għoti ta' finanzjament suffiċjenti.
Il-prevenzjoni (5) L-azzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri tal-PS jiġu appoġġjati u kkumplimentati permezz ta' qafas ta' politika ta' prevenzjoni koerenti tal-UE	(1) Jingħata appoġġ nazzjonali għall-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri. (2) Jittejjeb il-qsim tal-esperjenza bil-promozzjoni ta' fehim komuni għall-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri u jiġu pprovduti fondi biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni. (3) Il-politiki ta' prevenzjoni tad-diżastri jiġu integrati (4) Tissaħħaħ iż-żieda fl-għarfien dwar il-prevenzjoni

5. L-GĦAŻLIET IVVALUTATI U L-IMPATTI TAGĦHOM

5.1. Disponibbiltà tal-assistenza

Fil-Komunikazzjoni Reazzjoni 2010⁷, il-Kummissjoni tipproponi *Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenza* (pool volontarju ta' assi impenjati minn qabel mill-PS), *Ċentru ta' Reazzjoni għall-Emerġenza*, li jiffaċilitaw it-trasport u l-assi ffinanzjati mill-UE u jimlew in-nuqqasijiet fil-kapaċità. Il-partijiet interessati kollha jappoġġjaw bis-sħiħ aktar ippjanar, arranġamenti miftiehma minn qabel u l-prevedibbiltà.

Għażliet politiċi għad-disponibbiltà ta' assistenza: (1) Pool volontarju mingħajr il-kofinanzjament tal-UE; (2) Pool volontarju b'kofinanzjament limitat tal-UE (biss l-ispejjeż tal-mobilitazzjoni); (3) Pool volontarju bi grad għoli tal-kofinanzjament tal-UE (xi żvilupp, inkluż tagħmir), spejjeż ta' stand-by u skjerament.

⁷ COM (2010) 600.

L-alternattiva Nru 1 ma taffettwax il-baġit tal-UE jew tirrekjedi xi modifikazzjonijiet leġiżlattivi. Ikun impenn purament politiku, u ma jiggarrantix id-disponibbiltà affidabbli ta' assi suffiċjenti b'mod sostenibbli. L-alternattiva Nru 2 aktarx tnaqqas il-piż finanzjarju fuq PS biex jikkontribwixxi assi għall-pool u jagħmel ir-reazzjoni tal-UE iktar koerenti u bbażata fuq ħtiġijiet. Dan għandu jevita duplikazzjoni, isahha il-komplementarjetà u jħaffef it-twassil tal-għajnuna bi gwadanni fl-effiċjenza globali. Il-piż amministrattiv fuq PS u l-UE jkun baxx. Il-bidla baġitarja stmata hi ta' EUR 9 miljun fis-sena. L-impatt tal-alternattiva Nru 3 hija komparabbli mal-alternattiva Nru 2 u għandha ttejjeb ulterjorment l-effettività u l-effiċjenza ta' reazzjoni għad-diżastri tal-UE, minħabba li tirriżulta f'pool funzjonali aktar malajr.

Globalment, l-alternattivi Nru 2 u 3 huma superjuri f'termini ta' effikaċja u effiċjenza, u l-benefiċċji taħt l-alternattiva Nru 3 huma anki aktar qawwija.

5.2. L-identifikazzjoni u l-mili tan-nuqqasijiet kritiċi

Il-Komunikazzjoni 2010 issemmi modi differenti ta' kif jistgħu jimtlew il-lakuni fir-reazzjoni bl-għażla ta' assi ffinanzjati mill-UE biex jinqasmu madwar l-UE u skjerati b'modi simili għal dawk minn pool volontarju. Meta mhux meħtieġ għal operazzjonijiet tal-UE, il-PS amministrattiv jista' juża assi domestikament.

Għażliet ta' politika għal nuqqasijiet kritiċi: (1) il-mili ta' lakuni minn PS mingħajr il-kofinanzjament tal-UE; (2) il-mili tal-lakuni minn PS b'kofinanzjament tal-UE; (3) il-mili ta' lakuni b'assi fil-livell tal-UE.

L-alternattiva Nru 1 għandha tkun mingħajr spejjeż sinifikanti għall-baġit tal-UE iżda wkoll b'effettività limitata. Il-piżijiet finanzjarji u l-benefiċċji maqsumin b'mod żbilanċat fost il-PS x'aktarx joħolqu tensjoni. L-alternattiva Nru 2 għandha timla l-lakuni b'mod effettiv u effiċjenti u tippermetti l-qsim tal-assi, filwaqt li tintroduċi mudell iktar ġust u koerenti permezz tat-tqassim tal-piż (parzjali) u t-tnaqqis tal-piżijiet finanzjarji fuq PS. L-alternattiva Nru 3 hija effettiva ħafna, li tippermetti lill-UE tindirizza nuqqasijiet identifikati f'waqthom u b'mod li huwa ekonomikament effettiv — skont id-disponibbiltà baġitarja. Implikazzjonijiet ogħla għall-baġit tal-UE jistgħu jkunu soġġetti għal mistoqsijiet minħabba raġunijiet ta' sussidjarjetà.

L-alternattiva Nru 2 tidher partikolarment xierqa għal assi li għandhom riskji ta' probabbiltà baxxa/impatt għoli, l-alternattiva Nru 3 għal assi orizzontali li jibbenefikaw l-atturi kollha, speċjalment jekk l-implikazzjonijiet baġitarji huma baxxi.

5.3. It-trasport

Għażliet ta' politika għal riżorsi limitati ta' loġistika u finanzi għat-trasport: (1) diskontinwità tal-iskema; (2) l-ebda bidla tal-politika; (3) jiżdied il-kofinanzjament massimu tal-UE għat-trasport tal-ħtiġijiet bl-ogħla prijorità; (4) jiżdied il-kofinanzjament massimu tal-UE għat-trasport fuq il-livelli kollha.

L-alternattiva Nru 1 timmina l-kisba tal-għanijiet tas-CP u għalhekk twarrbet. L-alternattiva Nru 2 tiddependi fuq soluzzjonijiet privati mingħajr spejjeż u fuq PS li joffru trasport lil xulxin. L-alternattivi Nru 3 u 4 jnaqqsu l-ostakoli relatati mal-finanzjament tat-trasport. L-alternattiva Nru 3 trendi r-reazzjoni ġenerali bbażata fuq il-ħtiġijiet. Il-piż amministrattiv tal-alternattivi Nru 3 u 4 fuq l-imsieħba esterni aktarx jibqgħu l-istess. L-alternattiva Nru 4 iġġorr

ir-riskju li l-ispejjeż baxxi ta' trasport jistgħu jinkoraġġixxu l-iskjerament ta' oġġetti mhux essenzzjali, għalhekk l-alternattiva Nru 3 hija ppreferuta.

Għażliet ta' politika biex jintlaħqu proċeduri amministrattivi simplifikati: (1) l-ebda bidla tal-politika; (2) simplifikazzjoni.

L-alternattiva Nru 1 tinkludi simplifikazzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni mingħajr reviżjoni leġislattiva. L-alternattiva Nru 2 tinkludi reviżjoni leġislattiva u hija mistennija li tkompli tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi għall-UE u l-PS u tikkontribwixxi konsiderevolment sabiex jintlaħqu l-għanijiet. Minħabba li l-alternattiva Nru 1 mhix ikkunsidrata suffiċjenti biex twassal għal titjib sinifikanti, l-alternattiva Nru 2 hija ppreferuta.

5.4. Il-tħejjija

Il-partijiet interessati esprimew sodisfazzjon ġenerali bl-arranġamenti attwali ta' taħriġ u eżerċizzji. Uħud talbu t-twessigħ tal-ambitu tagħhom. Alternattivi biex tiġi introdotta leġislazzjoni vinkolanti, standards vinkolanti jew tikketti tal-kwalità twarrbu fi stadju bikri, minħabba li l-bażi legali tal-Artikolu 196 TFUE jeskludi l-armonizzazzjoni.

Għażliet ta' politika: 1) Linji gwida mhux vinkolanti dwar taħriġ u eżerċizzji u ebda tibdil fil-livelli ta' infiq tas-CPFI; 2) Il-qafas tal-politika tat-tħejjija ġenerali tal-UE mingħajr id-dispożizzjonijiet legalment vinkolanti flimkien ma' fondi supplementari mill-UE biex jitwaqqaf netwerk ta' taħriġ u azzjonijiet oħrajn; 3) Appoġġ mill-UE għal taħriġ tas-CP magħmul kondizzjonali fuq ċentri ta' taħriġ ta' PS li jissodisfaw ċerti rekwiżiti minimi.

L-alternattiva Nru 1: Linji gwida mhux vinkolanti tal-UE aktarx iwasslu għal varjazzjonijiet fil-livelli ta' tħejjija fil-PS ma jkunux effettivi. Impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali, inkluż il-piż amministrattiv, ikunu limitati, minħabba li PS kieku jimplimenta biss l-istandards proprji tiegħu.

L-Alternattiva Nru 2: Minħabba li l-PS huma fl-livelli differenti fir-rigward ta' tħejjija, l-implimentazzjoni ta' linji gwida mhux vinkolanti tal-UE ikollhom implikazzjonijiet li jvarjaw f'termini ta' spejjeż u effikaċja. Li kieku l-appoġġ finanzjarju tal-UE jiġi pprovdut, l-ispiża tkun (parzjalment) imġarrba mill-baġit tal-UE.

L-Alternattiva Nru 3: Effettività u effiċjenza mtejjba fl-operazzjonijiet ta' reazzjoni li jinvolvu aktar minn PS wieħed jinkiseb permezz ta' prinċipji komuni, għarfien, interoperabbiltà aħjar u pool akbar ta' riżorsi. L-ispejjeż fil-livell tal-UE huma limitati fir-rigward tat-twaqqif ta' netwerk ta' taħriġ. L-ispejjeż ta' implimentazzjoni f'PS jirrigwardaw l-istandards għall-curricula. Il-piż amministrattiv għall-operaturi pubbliċi u privati jistgħu jkunu sinifikanti minħabba li konformità mal-istandards u l-issodisfar tar-rekwiżiti aktarx jinvolvu spejjeż żejda konsiderevoli ta' rappurtar.

L-alternattivi 2 u 3 jipprovdu benefiċċji aħjar f'termini ta' effiċjenza u valur miżjud tal-UE, imqabbel mal-alternattiva Nru 1. L-alternattiva Nru 3 probabbli tkun superjuri għall-alternattiva Nru 2 f'termini ta' effikaċja u koerenza, iżda ma ntlaqgħatx tajjeb mill-partijiet interessati.

5.5. Il-Prevenzjoni

Il-partijiet interessati jaqblu li l-azzjonijiet ta' prevenzjoni jeħtieġu jsiru parti integrali ta' strateġija bbilanċjata li tmexxi lill-protezzjoni ċivili tal-UE 'l quddiem.

Għażliet ta' politika: 1) L-ebda leġislazzjoni ġdida tal-UE, iżda linji gwida dwar standards minimi nazzjonali għall-prevenzjoni u dwar pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri nazzjonali (RMPs) u l-istess livelli ta' kofinanzjament bħal fil-preżent; 2) Qafas ta' politika ta' prevenzjoni ġenerali tal-UE b'linji gwida mhux vinkolanti flimkien ma' finanzjament supplementari għall-RMPs mill-UE; 3) tiġi stabbilita data biex jitlestew l-RMPs mill-MS akkumpanjati minn linji gwida tal-Kummissjoni

L-alternattiva Nru 1 tista' twassal għal implimentazzjoni varjata tal-RMPs u l-istandards minimi ta' prevenzjoni, u tonqos milli tikseb standard ta' prevenzjoni globali oġġla fl-UE.

L-alternattiva Nru 2 twassal għal implimentazzjoni aktar mgħaġġla ta' linji gwida, sakemm il-PS japplikaw għall-finanzjament tal-UE. L-ispejjeż jiddependu fuq l-iżvilupp ta' kull sistema nazzjonali. L-ispejjeż amministrattivi ta' rappurtar addizzjonali jkunu baxxi jew insinifikanti. Impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali jkunu superjuri għall-alternattiva Nru 1.

L-alternattiva Nru 3 tinvolvi tnaqqis konsistenti, approċċ ekwitabbli madwar l-UE, għalkemm l-implimentazzjoni tista' tkun ittardjata minħabba t-tul tal-proċessi leġislattivi. Piż amministrattiv baxx.

Filwaqt li l-alternattiva Nru 1 tipprovdi biżżejjed effettività u koerenza, l-alternattivi Nru 2 u 3 ikunu ta' benefiċċju għall-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza. L-alternattiva Nru 2 tippermetti implimentazzjoni aktar mgħaġġla, filwaqt li l-alternattiva Nru 3 tista' twassal għal implimentazzjoni aktar koerenti ta' pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tad-diżastri fit-terminu medju, iżda ntlaqgħu b'riservazzjonijiet minn partijiet interessati ewlenin.

6. SOMMARJU U KONKLUŻJONIJIET

L-IA tipproponi li dawn jiġu inklużi fil-proposta leġislattiva: Dwar ir-reazzjoni, l-elementi essenzjali u l-prinċipji dwar id-disponibbiltà ta' pool ta' assi (Disponibbiltà ta' għajjnuna alternattiva Nru 3), u dwar assi ffinanzjati mill-UE (Nuqqasijiet kritiċi alternattiva Nru 2), b'referenza għar-regoli ta' implimentazzjoni. Dwar it-trasport, l-IA tipproponi reviżjoni ta' xi dispożizzjonijiet legali attwali biex tiżied ir-rata massima tal-finanzjament mill-UE għall-operazzjonijiet ta' trasport, u jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi. Dwar il-prevenzjoni u t-tħejjija, qafas ta' politika ġenerali tal-UE u linji gwida tal-Kummissjoni huma proposti. Skadenza għandha tiġi kkunsidrata biex l-MS jiżviluppaw RMPs (Il-Prevenzjoni l-alternattiva Nru 3). Għajjnuna finanzjarja supplementari mill-UE tappoġġa l-iżvilupp ta' RMPs u l-ilħiq ta' standards minimi, in-netwerk ta' taħriġ u azzjonijiet oħra (Tħejjija alternattiva Nru 2).

Fondi addizzjonali biex jappoġġjaw l-azzjonijiet se jeħtieġu bidliet korrispondenti fis-CPFI.

7. SORVELJANZA U EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni se tivvaluta u tistabilixxi punt ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni mhux aktar kmieni minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha abbażi ta' fost oħrajn il-monitoraġġ tal-informazzjoni, bħal indikaturi tar-risultati u linji bażi bħal ħinijiet ta' reazzjoni u l-miżuri ta' tħejjija.